

# DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1304

tal-5 ta' Awwissu 2021

### li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 <sup>(1)</sup> dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 36(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, il-Kunsill irrieżamina l-listi ta' persuni u entitajiet iddeżinjati li jinsabu fl-Annessi II, III, V u VI għal dik id-Deċiżjoni.
- (3) Il-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet kollha fil-listi li jinsabu fl-Annessi II u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jenħtieġ li jinżammu, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal għaxar persuni u entità waħda, u l-informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' erba' persuni, jenħtieġ li jiġu aġġornati.
- (4) Barra minn hekk, l-informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' persuna waħda fil-lista li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jenħtieġ li tiġi aġġornata.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

L-Annessi I, II u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huma emendati kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kunsill  
Il-President  
G. DOVŽAN

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79).

(1) Fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, taħt l-intestatura “A. Persuni”, l-entrata 77 hija sostitwita b’dan li ġej:

	Isem	Pseudonimu	Data tat-twelid	Data tad-deżinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet
“77.	Ri Pyong Chul	Ri Pyong Chol, Ri Pyo'ng-ch'o'l	Sena tat-twelid: 1948 Ċittadinanza: RDPK Sess: raġel Indirizz: DPRK (RDPK)	22.12.2017	Membru supplenti tal-Bureau Politiku tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u l-Ewwel Viċi Direttur tad-Dipartiment għall-Industrija tal-Munizzjonijiet.”

(2) Fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, taħt l-intestatura “I. Persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma’ armi oħrajn ta’ qerda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu fisimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom”, is-subintestatura “A. Persuni”, l-entrati 6, 7, 10, 11, 15, 16, 17, 18, 19, 24, u 25 huma sostitwiti b’dan li ġej:

	Isem	Pseudonimu	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
“6.	SO Sang-kuk	SO Sang Kuk	Data tat-twelid: 30.11.1938 Sess: raġel	22.12.2009	Kap tad-Dipartiment tal-Fiżika Nukleari, Università Kim Il Sung.
7.	KIM Yong Chol	KIM Yong-Chol; KIM Young-Chol; KIM Young-Cheol; KIM Young-Chul	Data tat-twelid: 1946 Post tat-Twelid: Pyongan-Pukto, RDPK Sess: raġel	19.12.2011	Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea; tal-Politburo u tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea. Eks Kmandant tar-Reconnaissance General Bureau (RGB), entità sanzjonata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Seta’ ġie riintegrat bħala Direttur tad-Dipartiment tal-Front Magħqud.
10.	HONG Sung-Mu	HUNG Sun Mu; HONG Sung Mu	Data tat-twelid: 1.1.1942 Sess: raġel	20.5.2016	“Il-Viċi Direttur tad-Dipartiment għall-Industrija tal-Munizzjonijiet (Munitions Industry Department, MID). Inkarigat mill-iżvilupp ta’ programmi dwar armi konvenzjonali u missili, inklużi l-missili ballistiċi. Wieħed mill-persuni ewlenin responsabbli għall-programmi għall-iżvilupp industrijali tal-armi nukleari. Bħala tali, responsabbli għal programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma’ armi oħrajn ta’ qerda massiva. Kien xhud għall-illanċjar tal-missila ballistika interkontinentali Hwasong-15 fit-28 ta’ Novembru 2017. F’Lulju 2020 ipparteċipa fl-aqgħa tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea ddedikata lid-“deterrenza mill-gwerra”, ewfemiżmu użat biex jirreferi għall-programm nukleari tar-RDPK. Rielett għall-Kumitat Ċentrali tal-Partit f’Jannar 2021.

	Isem	Pseudonimu	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
11.	JO Kyongchol	JO Kyong Chol	Sess: raġel	20.5.2016	Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Direttur tal-Kmand Militari tas-Sigurtà. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Akkumpanja lil Kim Jong Un għall-akbar taħriġ li qatt sar tal-artillerija li twassal fit-tul. Rielett għall-Kumitat Ċentrali tal-Partit f'Jannar 2021.
15.	KIM Rak Kyom	KIM Rak-gyom; KIM Rak Gyom	Sess: raġel	20.5.2016	Ġeneral b'Erba' Stilel, Eks Kmandant tal-Forzi Ballistiċi Strateġiċi, entità deżinjata min-Nazzjonijiet Uniti, li fiha erba' unitajiet strateġiċi u tekniċi tal-missili, inkluża l-brigata KN-08 (ICBM). Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Rapporti fil-mezzi tax-xandir identifikaw lil KIM bħala li attenda t-test tal-magni tal-ICBM li sar f'April 2016 ma' KIM Jong Un. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Ordna t-taħriġ tal-isparar tal-missili ballistiċi.
16.	KIM Won-hong	KIM Won Hong	Data tat-twelid: 7.1.1945 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Nru tal-passaport: 745310010 Sess: raġel	20.5.2016	Ġeneral. Eks l-Ewwel Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurtà tal-Istat. Eks Ministru għas-Sigurtà tal-Istat. Eks Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u l-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li kienet korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġiet mibdula għall-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (SAC), li huma l-korpi ewlenin għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
17.	PAK Jong-chon	PAK Jong Chon	Sess: raġel	20.5.2016	Innominat bħala Marixxall tal-Armata tal-Poplu Korean f'Ottubru 2020, Kap tal-Persunal Ġenerali minn April 2019; membru tal-Politburo minn April 2020. Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. F'Jannar 2021 ġie elett għall-Kumitat Ċentrali tal-Partit, il-Bureau Politiku tal-Kumitat Ċentrali u l-Kummissjoni Militari Ċentrali.

	Isem	Pseudonimu	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
18.	LI Yong-ju	RI Yong Ju	Sess: raġel	20.5.2016	Ammirall tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Eks kap Kmandant tal-Forzi Navali tal-Poplu Korean, li huma involuti fl-iżvilupp ta' programmi ta' missili ballistiċi u fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet nukleari tal-forzi navali tar-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
19.	SON Chol-ju	SON Chol Ju	Sess: raġel	20.5.2016	Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Viċi Direttur responsabbli għall-organizzazzjoni tal-Armata tal-Poplu tal-Korea u eks Direttur Politiku tal-forzi tal-Ajru u ta' Kontra l-ajru, li tissorvelja l-iżvilupp ta' rokits modernizzati kontra l-inġenji tal-ajru. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Abbażi ta' informazzjoni ġie rrapportat li f'Mejju 2020 Son ipparteċipa fl-aqgħa tal-Kummissjoni Militari Ċentrali bħala Viċi Direttur responsabbli għall-organizzazzjoni tal-Armata tal-Poplu Korean.
24.	RI Myong Su		Data tat-twelid: 1937 Post tat-Twelid: Myongchon, Tramuntana ta' Hamgyong, ir-RDPK Sess: raġel	7.4.2017	Viċi Marixxall tal-Armata tal-Poplu Korean, l-ewwel viċi kmandant tal-Kmand Suprem tal-Armata tal-Poplu Korean. Sal-2018, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati tal-Poplu. Ri Myong Su għadu influwenti fi kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali inkluż il-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Huwa jipparteċipa regolarment fil-parati militari tal-Korea ta' Fuq. Ri ilu żmien twil membru tal-Assemblea Suprema tal-Poplu (SPA); li bħalissa hija l-14-il waħda.
25.	SO Hong Chan		Data tat-twelid: 30.12.1957 Post tat-Twelid: Kangwon, RDPK Passaport: PD836410105 Data ta' skadenza tal-passaport: 27.11.2021 Sess: raġel	7.4.2017	L-ewwel Viċi Ministru u Direttur tal-Uffiċċju tal-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Poplu, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Ġeneral fil-Forzi Armati tal-Poplu. F'din il-kariga, So Hong Chan huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Rielett bħala Membru tal-Kumitat Ċentrali f'Jannar 2021."

- (3) Fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu fisimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom", is-subintestatura "B. Entitajiet", l-entrata 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Pseudonimu	Post	Data tad-deżinjazzjoni	Informazzjoni oħra
"4.	Ċentru ta' Riċerka Nukleari ta' Yongbyon			22.12.2009	Ċentru ta' riċerka li pparteċipa fil-produzzjoni ta' plutonju ta' kwalità militari. Ċentru li jiddependi mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (entità magħżula mill-KSNU, 16.7.2009). Fir-rapport finali tiegħu ta' Marzu 2021, il-Bord ta' Esperti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1874 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jinnotta l-osservazzjoni ta' traċċi ta' fwar mill-bini użat għall-produzzjoni ta' (UO2) fl-impjant ta' arrikkiment tal-uranju fil-kumpless ta' Yongbyon u rrapporta li skont Stat Membru tan-NU l-faċilità ta' arrikkiment tal-uranju f'Yongbyon kienet qed topera."

- (4) Fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, taħt l-intestatura "II. Persuni u entitajiet li jipprovdu servizzi finanzjarji jew it-trasferiment ta' assi jew riżorsi li jistgħu jikkontribwixxu għal programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva", is-subintestatura "A. Persuni", l-entrata 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Pseudonimu	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
"2.	KIM Tong-un	KIM Tong Un	Data tat-twelid: 1.11.1936 Sess: raġel	22.12.2009	Eks direttur ta' "Uffiċċju 39" tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li huwa involut fil-finanzjament tal-proliferazzjoni. Fl-2011, allegatament kien responsabbli minn "Uffiċċju 38" biex jinġabru fondi għat-tmexxija u għall-elit."

- (5) Fl-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, taħt l-intestatura "Lista ta' persuni msemmin fil-punt (c) tal-Artikolu 23(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 27(1)", is-subintestatura "A. Persuni", l-entrata 6 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"6.	YUN Chol magħruf ukoll bħala CHOL Yun	It-tielet Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għaċ-Ċina	22.1.2018	Yun Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala persuna ta' kuntatt tal-kumpannija General Precious Metal tar-RDPK involuta fil-bejgħ tal-litju-6, oġġett marbut mal-armi nukleari ipprojbit min-NU, u diplomat tar-RDPK. General Precious Metal kienet identifikata qabel mill-Unjoni bħala pseudonimu tal-entità Green Pine ddeżinjata min-NU."